



Brussell, 17 ta' Mejju 2019
(OR. en)

9331/19

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0114(COD)

TRANS 335
CODEC 1088

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	8833/1/19 REV 1
Nru dok. Cion:	ST 9672/17 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi – Rapport ta' progress

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-1 ta' Ġunju 2017 bħala parti mill-Ewwel Pakkett dwar il-Mobilità.

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha biex jiġu indirizzati l-problemi relatati mal-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra, il-finanzjament tal-infrastruttura tat-toroq u l-konġestjoni. Il-proposta timmodifika d-direttiva dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi tqal tal-merkanzija għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (Direttiva 1999/62/KE).

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sa Christine REVAULT D'ALLONNES BONNEFOY (S&D, FR) bħala r-rapporteur. Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (ENVI) adotta l-opinjoni tiegħu fit-28 ta' Marzu 2018.

Il-Kumitat responsabbli, TRAN, ivvota dwar ir-rapport fl-24 ta' Mejju 2018. Fil-25 ta' Ottubru 2018, il-Parlament ivvota fis-seduta plenarja tiegħu dwar ir-rapport u adottah bħala l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew adotta l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta fil-529 sessjoni plenarja, fit-18 ta' Ottubru 2017. Il-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni adotta l-opinjoni tiegħu fil-127 sessjoni plenarja fl-1 ta' Frar 2018.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art beda l-ħidma tiegħu fl-1 ta' Ġunju 2017 bi preżentazzjoni ġenerali tal-proposta. Fil-21 ta' Ġunju 2017 ġiet analizzata l-valutazzjoni tal-impatt.

Matul il-ħarifa tal-2017, il-Grupp ta' Ħidma kompla bl-eżami dettaljat tal-proposta. Il-Kunsill (TTE, Trasport) kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar il-proposta fil-5 ta' Diċembru 2017 (dok. 14426/17).

Fl-2018, il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport fuq l-Art iffoka xogħlu fuq proposti oħra li qed jiġu diskussi, b'mod partikolari dawk relatati mat-tliet Pakketti dwar il-Mobilità.

IV. ĦIDMA LEJN KOMPROMESS

Fir-rebbiegħa tal-2019, il-ħidma fuq il-proposta *Eurovignette* reġgħet bdiet fil-Grupp ta' Ħidma, l-ewwel b'analiżi ġenerali tal-elementi ewlenin tal-proposta fl-14 u t-18 ta' Frar. Wara l-eżami artikolu b'artikolu fil-25 ta' Frar u fl-4, is-7 u l-11 ta' Marzu 2019, il-Presidenza fasslet l-ewwel proposta ta' kompromess. Dan il-kompromess ġie eżaminat fit-8 u t-12 ta' April 2019 fil-Grupp ta' Ħidma.

Abbażi tar-rispons dwar l-ewwel kompromess, il-Presidenza ħejjiet kompromess rivedut (dok. 8681/19) li ġie diskuss fit-13 ta' Mejju 2019.

Id-Danimarka u r-Renju Unit għandhom riżerva parlamentari dwar il-proposta. L-Istati Membri kollha għandhom riżervi ta' skrutinju dwar il-proposta ta' kompromess tal-Presidenza. Il-Kummissjoni żżomm riżerva ġenerali.

V. KONKLUŻJONIJIET

Abbażi tal-ħidma li twettqet sa issa, il-Presidenza waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

1. Maġġoranza ċara tal-Istati Membri tqis li bosta rekwiżiti fil-proposta mill-Kummissjoni huma preskrittivi wisq, u jistgħu jillimitaw il-flessibbiltà tal-Istati Membri fl-użu tal-istrumenti ta' politika tagħhom.
2. B'mod partikolari, dawn it-temi ewlenin li ġejjin jistħoqqilhom jissemmew b'mod speċjali:
 - l-impatt fuq il-kuntratti ta' konċessjoni eżistenti, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċertezza legali;
 - filwaqt li l-iċċarġjar abbażi tad-distanza jidher li hu aktar xieraq għall-prinċipju ta' *min iniġġes iħallas*, tariffi bbażati fuq il-ħin - *vignettes* - joffru strument kosteffettiv u sempliċi biex jintalab ħlas għall-użu tal-infrastruttura tat-toroq, li ħafna Stati Membri jixtiequ jżommu bħala possibbiltà;

- it-trattament tal-karozzi privati, kif ukoll ix-xarabanks, il-kowċis u l-minibuses, jistgħu jkunu f'kunflitt mal-politiki tal-Istati Membri, bħall-iżvilupp reġjonali, il-politiki soċjali, it-trasport pubbliku u s-sikurezza fit-toroq;
- modalitajiet għad-differenzazzjoni tat-tariffi bbażati fuq CO₂ - sejħa għal emissjonijiet għal eżaminazzjoni aktar mill-qrib; u
- aktar allokazżjoni tad-dħul mit-tariffi tat-toroq biex dan jintefaq f'ċerti setturi hija f'kunflitt f'xi Stati Membri ma' prattiki nazzjonali ta' bbaġitjar, inkluż anki prinċipji kostituzzjonali.

3. Ser tkun meħtieġa ħidma teknika addizzjonali fuq il-kompromess tal-Presidenza sabiex tiġi żviluppata pożizzjoni li tista' tiġi appoġġata minn maġġoranza tal-Istati Membri.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress li sar fil-ħidma rigward ir-reviżjoni proposta għad-Direttiva dwar l-Eurovignette.
